

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

8290/25

COCON 28

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment tal-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fl-14 ta' April 2025.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR L-ISTABILIMENT TAL-JUM EWROPEW TAL-IVVJAĠĠAR SIKUR BARRA
MILL-PAJJIŻ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxi ċ-
ċittadinanza tal-Unjoni,
- fil-paragrafu 2, l-ittra c, tal-Artikolu 20 TFUE, li jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt li
jgawdu, fit-territorju ta' pajjiż terz fejn l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkunx
rappreżentat, mill-protezzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' Stat Membru ieħor,
taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat,
- fil-Artikolu 23 TFUE, li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex
jiżguraw din il-protezzjoni,
- fid-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi
ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-UE f'pajjiżi terzi

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Ewrobarometru 528 dwar iċ-Ċittadinanza u d-Demokrazija (2023),
li skontu 93 % tar-rispondenti jaqblu li l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkooperaw mill-qrib biex
jgħinu liċ-ċittadini tal-UE li jeħtieġu protezzjoni konsulari barra mill-UE.

FILWAQT LI JISĦAQ FUQ il-benefiċċju li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE tad-dritt tagħhom
stipulat fil-paragrafu 2, l-ittra c, tal-Artikolu 20 TFUE.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-impatt pożittiv li azzjonijiet koordinati fost l-Istati Membri u bejn
l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jista' jkollhom biex tiżdied il-kuxjenza fost iċ-ċittadini
tal-UE.

1. JISTABBILIXXI l-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż. Il-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż, li ser jiġi organizzat fir-raba' Ġimgħa ta' Mejju, għandu l-għan li jippromwovi fost iċ-ċittadini tal-UE l-ivvjaġġar sikur lejn pajjiżi terzi u t-tnejja xierqa għall-vaganzi. Il-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż għandu l-għan ukoll li jtejjeb l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE tal-prattiki tajbin meta jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi u tad-dritt tagħhom stipulat fil-paragrafu 2, l-ittra c, tal-Artikolu 20 TFUE, billi jżid il-viżibbiltà tal-inizjattivi fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE u, fejn xieraq, jgħoq sinerġiji bejn dawn l-inizjattivi.
2. JISTIEDEN lill-Istati Membri jniedu simultanjament, jew jimplifikaw, fejn xieraq, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni rispettivi tagħhom li jippromwovu l-ivvjaġġar sikur lejn pajjiżi terzi fil-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż.
3. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli jappoġġaw u jikkomplementaw il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri li jippromwovu l-ivvjaġġar sikur lejn pajjiżi terzi fil-kuntest tal-Jum Ewropew tal-Ivvjaġġar Sikur Barra mill-Pajjiż.
